# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI

## QORTI TAL-APPELL

### L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**16 ta' Jannar, 1967**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L., Can., LL.D.**

Cristino Cutajar

*versus*

Michelina Mallia et

**Mandat ta' Deskrizzjoni — Eredita — Proprieta ta' Oġġetti Ereditarji.**

*Il-Qorti għandha tadopera ċirkospezzjoni kbira fid-determinazzjoni tal-proprieta ta' oġġetti li kienu jinsabu fid-dar tad-"de cuius" fid-data tal-mewt għax mhuwiex rari il-każ li minn kien joqgħod miegħu jagħmel xi manuvri biex jattribwixxi l-proprieta ta' dawk l-oġġetti lilu.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li fuq it-talba tal-*konvenuti ġie spedit mandat ta' deskrizzjoni numru 303/64* kontra l-attur fuq l-effetti mobili esistenti fid-dar 280 High Street, Qormi; u peress li fost oġġetti oħra ġew deskritti l-oġġetti msemmija fid-deskrizzjoni li huma indikati bin-numri 3, 10 u 45 fir-riferta tal-Marixxal (Dok. A); u peress li dawn l-oġġetti jappartienu esklusivament lil-attur u l-konvenuti m'għandhom l-ebda sehem minnhom; u peress li l-attur għandu *interess li l-mandat imsemmi jiġi revokat* in kwantu jolqot dawn l-oġġetti; talab illi din il-Qorti tid-dikjara li l-oġġetti 3, 10 u 45 fid-Dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni huma ta' proprietà tal-attur u tirrevoka l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' deskrizzjoni 308 tal-1964 in kwantu għall-imsemmija oġġetti; bl-ispejjes kontra l-konvenuti;

Omissis

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Ottubru, 1966 li biha iddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attur bl-ispejjes kontra l-konvenuti, wara li kkunsidrat —

Omissis

Ikkunsidrat:

Li mill-kompless tal-provi l-Qorti rrikavat il-konvinzjoni li l-effetti in kwistjoni huma ta' proprietà tal-attur.

Omissis

Li f'kasi simili, il-Qorti ġeneralment fl-eżami tal-pre-

tensjoni tal-attur, tadopera ċirkospezjoni kbira, għaliex mhuwiex rari l-kas li *jistgħu* jivverifikaw ruħhom xi manuvri biex min kien joqgħod mal-mejjet jattribwixxi lilu nnifsu l-proprietà ta' ċerti oġġetti li jkun għal qalbu, bl-ideja prekonċertata li joħroġhom jew inaqqashom mill-massa ereditarja. Però, f'dan il-kas, ma jidhirx li l-attur jista' jkun b'xi mod milqut minn dana s-sospett, għaliex il-versjoni tiegħu tidher aktar aċċettabli minn dik tal-konvenuti, anki għal dak li jirrigwarda l-verosimiljanza u l-estensjoni tagħha.

*Omissis*

Rat *in-nota* tal-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom li bih talbu illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata billi tiġi miċħuda t-talba tal-attur bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta tal-attur appellat li bih qal illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat.

Illi din il-Qorti, b'adozzjoni tal-motivi tad-deċiżjoni appellata, taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.